Minuti tas-seduta numru sebgħa (7) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar it-Tlieta, 7 ta' Jannar 2025 fi 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat fis-6:00pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

ASSENTI B'APOLOĠIJA: Is-Sur Terence Sant Kunsillier

Inżammet minuta silenzju b'rispett lejn it-telfa ta' Omm is-Sindku, is-Sur Sandro Craus.

| | | |
|---|---|---|
| 07.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br>Is-SE qal li ċempillu is-Sur Terence Sant u qallu li ma jiflaħx sew u ma jistax għalhekk jattendi għal din il-laqgħa ftit tas-siegħat qabel. Din l-apoloġija intlaqgħet unanimament. Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sur Sandro Craus, is-Sindku li qal it-talba tal-bidu. | Apoloġiji |
| 07.02 | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta numru sitta**<br>Il-minuti tas-seduta numru sitta kienu approvati b'vot unanimu wara li kienu ikkunsidrati u wara li pproponihom is-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondahom il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti.<br><br>Is-Sur Nazju Cassar talab li titniżżel it-talba tiegħu li kien għamel fil-laqgħa preċedenti li għandha toħroġ l-offerta pubblika tat-tiswijiet tat-toroq u tal-bankini. | Minuti |
| | **Punti mill-Minuti** | |
| 07.02.01 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq Misraħ is-Saqqajja u qal illi għadna qed nistennew mill-*Public Works Department* u Infrastruttura Malta sabiex jibdew ix-xogħlijiet. Intqal ukoll illi rridu niltaqgħu kemm mal-banek kif ukoll mar-residenti. | Misraħ is-Saqqajja |

| | | |
|---|---|---|
| 07.02.02 | Dwar il-proposta ta' Triq Gorg Borg Olivier u cioe' li jitwaħħlu s-CCTV cameras fiha, s-Sur Sandro Craus, is-Sindku, informa lill-kunsillieri illi iltaqgħu hu, il-Viċi Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv mas-CEO tal-LESA is-Sur Svetlick Flores. Hawn intqal illi se jkunu fis-suq cctv cameras inteliġenti li jaħdmu bl-*Artificial Intelligence* u hemm il-ħsieb li nkunu minn tal-bidu li jintużaw fir-Rabat. | Triq Gorg Borg Olivier |
| 07.02.03 | Il-laqgħa pubblika tal-lokalità se ssir nhar it-30 ta' Jannar fis-6.00pm on-line. Din kellha tiġi posposta peress li l-Onor Prim Ministru ġej l-għada li kienet suġġerita, biex jinawgura r-restawr ta' dan l-uffiċċju. | Laqgħa Pubblika tal-lokalità |
| 07.02.04 | Is-Sur Nazju Cassar talab sabiex toħroġ it-tender tal-qtugħ tal-ħaxix ħażin minkejja li s-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi dan se jsir kollu mid-Dipartiment tat-Tindif u l-Manutenzjoni. | Qtuħ tal-ħaxix ħażin |
| 07.02.05 | Is-Sur Sandro Craus qal illi dwar iz-zona ta' Għar Barka kif ukoll ta' Sant' Agata, hemm bżonn li ssir laqgħa live jew virtwali mar-residenti biex niddiskutu dan kollu, filwaqt li s-SE tella' l-pjanti fuq il-big screen, proposti biex isiru l-iskemi tal-one ways fiz-zoni imsemmija. | Traffiku fi Triq il-Karrijiet u Sant' Agata |
| 07.03 | **Skeda tal-Pagamenti u dik tax-Xiri ta' Servizzi u Proviżjon**<br>L-iskeda tal-pagamenti numru 365 kif ukoll dik tax-xiri u tal-ordnijiet ta' xogħol 83 kienet approvata u ffirmata wara li kienet diskussa u addottata, minn kulħadd, għajr mis-Sur Nazju Cassar li qal li kellu xi oġġezzjonijiet. | Ċedoli tal-pagamenti |
| 07.04 | **Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart tas-Sena**<br>Ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena, kif ippreżentat mis-Sur Paul Bugeja, l-Accountant tal-Kunsill, kien approvat b'vot unanimu. | Rapport Finanzjarju tat-3 Kwart |
| 07.05 | **Appraisals tal-impjegati**<br>Dwar l-appraisals tal-impjegati is-SE qal illi jirrikkomanda li jingħata sħiħ lilhom kollha inkluż tiegħu. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus irrakkomanda illi dan l-eżerċizzju jsir kull tliet xhur. Minkejja li ntqal mis-Sindku illi t-team spirit hu nieqes mill-istaff tant li s-SE qal li anke llum stess inqala' xi diżgwit bejniethom, kien deċiż illi l-KLR joqgħod fuq ir-rakkomandazzjoni u dan kien propost mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondat mis-Sur Nazju Cassar u kien hemm qbil unanimu. | Appraisals tal-Impjegati |
| 07.06 | **Talba għal tiġdid tal-Vacation Leave (Clerk Scale 15)**<br>Dwar it-talba tat-tiġdid tal-Vacation Leave tas-Sa Naiomi Bugeja Micallef, ma' kienx hemm oġġezzjoni biex dan jiġġedded mill-2024 għall-2025. | Tiġdid tal-Vacation Leave |
| 07.08 | **Eżitu ta' laqgħa ta' IM mar-residenti (Triq Ġlormu Dingli) ara minuti annessi**<br>Is-SE ta kopja tal-minuti ta' din il-laqgħa lill-kunsillieri biex dan il-proġett ta' Eur1 Miljun isaħħaħ l-istruttura ta' Triq Ġlormu Dingli kif spjegat mit-tliet periti ta' Infrastruttura Malta waqt il-laqgħa li nżammet apposta għalihom. Fost l-affarijiet li spikkaw fid-diskussjoni, kien hemm il-fatt illi r-residenti infushom se jkunu qed iqabbdu lill-Perit Torpiano biex jirrappreżentahom waqt l-andament tax-xogħlijiet, liema spejjeż se jkunu wkoll iffinanzjati minn Infrastruttura Malta. | Triq Ġlormu Dingli |
| 07.09 | **Ftuħ tal-Muniċipju 16/1/25** | Inawgurar tar-restawr |

| | | |
|---|---|---|
| | Dwar il-ftuħ tal-Munċipju jew aħjar l-inawgurazzjoni tar-restawr tiegħu, għaliex dan kien diġa' jeżisti kif intqal waqt is-seduta, intwerew l-inviti dak il-ħin fuq il-*big screen,* flimkien mal-lista tal-mistednin. Se jkun hemm il-kiri ta' pjanu għall-mużika, se ssir link minn hawn sal-Isptar Santu Spirtu, kiri ta' siġġijiet, plakka ta' tifkira u fuq kollox kien hemm diskussjoni dwar il-konservazzjoni ta' plakek oħrajn li juru okkażjonijiet importanti li seħħew biex tinkiteb l-istorja tar-Rabat li huma wkoll imwaħħla fil-Muniċipju. Il-kunsillieri kienu nfurmati li se jattendi il-Prim Ministru, l-Onor Robert Abela, il-Ministru tal-Wirt Kulturali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor Owen Bonnici u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor Alison Zerafa Civelli. Se jkun hawn ukoll l-Arċipriet tal-Bażilika ta' San Pawl biex ibierek il-miġemgħa. | tal-Muniċipju |
| | **Punti oħra** | |
| * | Is-Sur Matthew Chetcuti ta d-dettalji tal-mawra tal-erbgħin VIP li kienu milqugħa mil-Kunsill Lokali tar-Rabat f'Diċembru 2024. Hu, flimkien mas-SE qalu li din kienet waħda tajba ħafna.<br><br>Fi tmiem il-laqgħa kien miftiehem sabiex fil-programm tac-Cerv jipparteċipaw billi jsiefru is-Si Norbert Grech u Terence Sant għall-Portugal fi Frar, is-Sa Graziella Brincat f'April u s-Sur Matthew Chetcuti u s-Sur Paul Grech f'Mejju, 2024. | Programm Cerv |
| 07.10 | **Aġġornament u data u ħin tas-seduta li jmiss**<br>Din il-laqgħa aġġornat fit-8.35pm u dik li jmiss se ssir fit-12 ta' Frar fis-6:00pm f'dan is-sit. | Aġġornament |

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum 20.2.25 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku